MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 318/2014

**360 Food Imports Limited (C46590)**

**Vs**

**Richard Vella (ID200773M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta’ esponenti ppremmettiet illi s-Socjeta’ esponenti timporta u tbiegh lokalment merkanzija relatatt mal-ikel u x-xorb;

Illi l-konvenut jopera hanut taht l-isem ta’ *Il-Kastell Wine Bar* u ordna minghand is-Socjeta’ esponenti numru ta’ merkanzija;

Illi s-Socjeta' attrici kkonsejat il-merkanzija kollha rikjesta u l-konvenut qatt ma oggezzjona dwar il-kwalita' jew il-kwantita' tal-merkanzija kkonsenjata u qatt ma oggezzjona ghall-invoices mahruga u dan hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-Trattazzjoni;

Illi l-konvenut jinsab debitur lejn is-Socjeta' esponenti fl-ammont ta' erba' mija u seba' ewro u erbatax il-centezmu (€407.14c), rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata, ikkonsenjata u accettata mill-konvenut;

Ghaldaqstant is-Socjeta' esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

Jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u seba ewro' u erbatax il-centezmu (€407.14c) liema ammont huwa dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet mid-19 ta' Lulju, 2013 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-16 ta' Marzu, 2015 mill-Avukat Dr Jonathan Abela u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' mija u seba' ewro u erbatax il-centezmu (€407.14c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------